IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.7.2014
COM(2014) 461 final

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 4**
**GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2014**

**ID-DIKJARAZZJONI ĠENERALI TAD-DĦUL**

**DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA**
**Taqsima III – Il-Kummissjoni**
**Taqsima IX – Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta**

**ABBOZZ TA' BAĠIT EMENDATORJU Nru 4**
**GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2014**

**ID-DIKJARAZZJONI ĠENERALI TAD-DĦUL**

**DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA**
**Taqsima III – Il-Kummissjoni**
**Taqsima IX – Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta**

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,

– ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,

– il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, adottat fl-20 ta' Novembru 2013[3],

– il-baġit emendatorju Nru 1/2014[4], adottat fis-16 ta' April 2014,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2014[5], adottat fil-15 ta' April 2014,

– l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 3/2014[6], adottat fit-28 ta' Mejju 2014,

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk tippreżenta lill-awtorità baġitarja l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-baġit tal-2014.

## BIDLIET FID-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U N-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA

Il-bidliet fid-dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa taqsima b'taqsima huma disponibbli fuq il-EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm). Il-verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'din id-dikjarazzjoni hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

1 ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
2 ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
3 ĠU L 51, 20.2.2014, p. 1.
4 ĠU L XX, 10.7.2014.
5 COM(2014) 234, 15.4.2014.
6 COM(2014) 329, 28.5.2014.

# IL-WERREJ

**1. INTRODUZZJONI ..... 3**

**2. RIŻORSI PROPRJI ..... 4**

**2.1. INTRODUZZJONI** ..... 4
**2.3. KORREZZJONIJIET TAR-RENJU UNIT GĦALL-2013, L-2011 U L-2010** ..... 8
***2.3.1 INTRODUZZJONI*** ..... 8
***2.3.2 IL-KALKOLU TAL-KORREZZJONIJIET*** ..... 9
***2.3.3 ID-DĦUL TAL-EWWEL AĠĠORNAMENT TAL-KORREZZJONI TAR-RENJU UNIT GĦALL-2013, TAT-TIELET AĠĠORNAMENT TAL-KORREZZJONI TAR-RENJU UNIT GĦALL-2011 U TAL-AMMONT DEFINITTIV TAL-KORREZZJONI TAR-RENJU UNIT GĦALL-2010 FL-ABE 4/2014.*** ..... 12

**3. DĦUL IEĦOR – MULTI U IMGĦAXIJIET ..... 14**

**4. IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA (TAQSIMA IX) ..... 14**

**5. ADATTAMENTI TAN-NOMENKLATURA TAL-BAĠIT U TAL-APPROPRJAZZJONIJIET BAĠITARJI KORRISPONDENTI ..... 15**

**6. TIBDILIET TEKNIĊI OĦRA ..... 16**

**7. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP ..... 17**

## 1. INTRODUZZJONI

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 4 għas-sena 2014 jirrigwarda dan li ġej:

– Reviżjoni tal-previżjoni tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT, jiġifieri dazji doganali u imposti fuq is-settur taz-zokkor), il-bażijiet tal-VAT u tal-ING, l-ibbaġittjar tal-korrezzjonijiet relevanti tar-Renju Unit kif ukoll il-finanzjament tagħhom, li tirriżulta f'bidla fid-distribuzzjoni bejn l-Istati Membri tal-kontribuzzjonijiet tar-riżorsi proprji tagħhom għall-bagit tal-UE.

– Reviżjoni tal-previżjoni ta' dħul ieħor, li jirriżulta minn sensiela ta' multi li saru definittivi u li għalhekk jistgħu jiġu bbaġitjati.

– It-tnaqqis ta' EUR 248 460 mill-approprjazzjonijiet baġitarji, kemm ta' impenn kif ukoll ta' pagament, għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta, minħabba l-posponiment tal-ħatra ta' Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta u ta' Assistent tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta.

– Il-modifika tal-artikolu baġitarju 13 03 64 tal-*Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) - Kooperazzjoni Territorjali Ewropea* fi tliet partiti tal-baġit separati, b'tali mod li jirrifletti l-adozzjoni finali tal-bażi legali relatata.

– Il-ħolqien ta' artikolu baġitarju ġdid 05 03 09 *Rimborż ta' għajnuniet diretti fir-rigward tad-dixxiplina finanzjarja*, bir-referenza "p.m."; u s-sostituzzjoni tas-sing "–" bir-referenza "p.m." għall-approprjazzjonijiet ta' pagament fuq il-partita tal-baġit 11 06 77 03 *Azzjoni preparatorja – Politika Marittima*.

L-impatt globali f'termini ta' nefqa, huwa tnaqqis ta' EUR 248 460 kemm għall-approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll għal dawk ta' pagament taħt l-intestatura 5.

L-impatt globali f'termini ta' dħul, huwa tnaqqis sostanzjali fil-ħtiġijiet għar-Riżorsi Proprji b'EUR 2 059 miljun, li huwa dovut l-aktar għall-ibbaġitjar ta' multi u ta' imgħaxijiet. Barra minn hekk, id-distribuzzjoni skont l-Istat Membru hija aġġustata.

## 2. RIŻORSI PROPRJI

### 2.1. Introduzzjoni

It-tabella sommarja segwenti turi d-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji bejn l-Istati Membri kif ibbaġittjati fi:

– Il-Baġit 2014,

– L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) 2/2014,

– L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) 3/2014,

– L-ABE 4/2014 preżenti.

]

**Id-distribuzzjoni tal-pagamenti totali tar-riżorsi proprji mill-Istati Membri *(f'miljuni ta' EUR)***

| | **Baġit 2014** | **ABE 2/2014** | **ABE 3/2014** | **ABE 4/2014** | | **ABE 4/2014 vs. ABE 3/2014** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | (1) | (2) | (3) | (4) | *f'%* | (5) = (4) – (3) |
| **BE** | 5 310,8 | 5 281,0 | 5 374,8 | 5 110,3 | 3,81 % | -264,5 |
| **BG** | 449,7 | 446,6 | 456,4 | 444,5 | 0,33 % | -11,9 |
| **CZ** | 1 520,2 | 1 509,6 | 1 543,1 | 1 460,9 | 1,09 % | -82,2 |
| **DK** | 2 732,2 | 2 712,5 | 2 774,5 | 2 759,8 | 2,06 % | -14,7 |
| **DE** | 28 473,2 | 28 261,4 | 28 929,2 | 29 021,8 | 21,65 % | 92,5 |
| **EE** | 198,2 | 196,8 | 201,2 | 201,9 | 0,15 % | 0,8 |
| **IE** | 1 524,4 | 1 514,1 | 1 546,6 | 1 608,9 | 1,20 % | 62,3 |
| **EL** | 1 771,4 | 1 757,9 | 1 800,5 | 1 794,4 | 1,34 % | -6,0 |
| **ES** | 10 869,9 | 10 791,6 | 11 038,5 | 10 866,1 | 8,11 % | -172,4 |
| **FR** | 21 796,2 | 21 635,3 | 22 142,6 | 21 875,2 | 16,32 % | -267,3 |
| **HR** | 456,3 | 453,0 | 463,4 | 444,6 | 0,33 % | -18,8 |
| **IT** | 16 371,5 | 16 252,2 | 16 628,4 | 16 141,2 | 12,04 % | -487,2 |
| **CY** | 163,8 | 162,6 | 166,3 | 164,9 | 0,12 % | -1,4 |
| **LV** | 247,6 | 245,7 | 251,6 | 250,8 | 0,19 % | -0,8 |
| **LT** | 381,4 | 378,8 | 387,1 | 382,5 | 0,29 % | -4,6 |
| **LU** | 337,9 | 335,4 | 343,4 | 325,4 | 0,24 % | -18,0 |
| **HU** | 1 006,2 | 998,9 | 1 021,9 | 1 014,9 | 0,76 % | -7,0 |
| **MT** | 74,7 | 74,2 | 75,8 | 77,9 | 0,06 % | 2,2 |
| **NL** | 7 453,4 | 7 406,7 | 7 554,0 | 7 477,6 | 5,58 % | -76,4 |
| **AT** | 3 088,6 | 3 064,0 | 3 141,4 | 3 057,3 | 2,28 % | -84,1 |
| **PL** | 4 130,7 | 4 101,4 | 4 193,9 | 4 138,0 | 3,09 % | -55,8 |
| **PT** | 1 654,2 | 1 642,2 | 1 680,2 | 1 710,7 | 1,28 % | 30,6 |
| **RO** | 1 484,6 | 1 473,4 | 1 508,8 | 1 442,4 | 1,08 % | -66,3 |
| **SI** | 400,3 | 397,7 | 405,9 | 401,2 | 0,30 % | -4,8 |
| **SK** | 776,5 | 770,8 | 788,6 | 752,0 | 0,56 % | -36,6 |
| **FI** | 2 093,0 | 2 077,6 | 2 126,2 | 2 018,0 | 1,51 % | -108,1 |
| **SE** | 4 499,1 | 4 465,2 | 4 572,0 | 4 340,1 | 3,24 % | -231,9 |
| **UK** | 14 694,3 | 14 548,2 | 15 008,8 | 14 782,1 | 11,03 % | -226,7 |
| **UE** | **133 960,2** | **132 954,8** | **136 124,9** | **134 065,6** | **100,00** | **-2 059,3** |

## 2.2. Reviżjoni tal-previżjoni tal-bażijiet tar-RPT, il-VAT u l-ING

Skont il-prassi stabbilita, il-Kummissjoni tipproponi li tirrevedi l-iffinanzjar tal-bagit abbażi ta' previżjonijiet ekonomiċi aktar reċenti, adottati waqt laqgħa tal-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji (KKRP).

Ir-reviżjoni tikkonċerna l-previżjoni tar-Riżorsi Proprji Tradizzjonali (RPT) li jridu jitħallsu lill-bagit fl-2014 flimkien mal-previżjoni tal-bażijiet tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u l-Introjtu Nazzjonali Gross (ING) tal-2014. Il-previżjoni fil-Bagit tal-2014 ġiet stabbilita fil-157 laqgħa tal-KKRP li saret fis-16 ta' Mejju 2013 (il-previżjoni fir-rigward tad-dazji doganali ġiet riveduta fil-ħarifa tal-2013 bl-ittra ta' emenda (IE) 2/2014[7]). Il-previżjoni riveduta li ġiet ikkunsidrata f'dan l-ABE 4/2014 ġiet adottata fil-160 laqgħa tal-KKRP li saret fid-19 ta' Mejju 2014. L-użu ta' previżjoni aġġornata tar-riżorsi proprji jtejjeb l-akkuratezza tal-previżjonijiet tad-dħul u konsegwentement dik tal-pagamenti li l-Istati Membri huma mitluba li jagħmlu matul is-sena bagitarja.

Meta mqabbla mal-previżjoni li ntlaħaq ftehim dwarha f'Mejju 2013 (għad-dazji doganali r-referenza hija l-previżjoni riveduta fl-ittra ta' emenda (IE) 2/2014), il-previżjoni li ntlaħaq ftehim dwarha f'Mejju 2014 ġiet riveduta kif ġej:

– It-total previst tal-imposti netti fis-settur taz-zokkor għall-2014 issa huwa ta' EUR 124,5 miljun (wara t-tnaqqis ta' 25 % f'kostijiet tal-ġbir). Madankollu, jeħtieġ li din il-previżjoni tiġi kkoreġuta b'ammont negattiv ta' EUR 214 miljun li jikkorrispondi għall-istima tar-rimborżi lill-Istati Membri ta' imposti fuq iz-zokkor skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1360/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013. Id-differenza bejn dawn iż-żewġ ammonti (jiġifieri ammont negattiv ta' EUR 89,5 miljun) jiddaħħal fl-ABE 4/2014.

– It-total previst tad-dazji doganali netti għall-2014 (inklużi d-dazji fuq prodotti agrikoli) issa huwa ta' EUR 15 754,1 miljun (wara t-tnaqqis ta' 25 % f'kostijiet tal-ġbir), li jirrappreżenta tnaqqis ta' 2,67 % meta mqabbel mal-previżjoni ta' EUR 16 185,6 miljun inkluża fl-IE 2/2014. Ir-raġuni ewlenija għal dan it-tnaqqis hija rata ta' tkabbir prevista aktar baxxa ta' importazzjonijiet addizzjonali mill-UE. Il-previżjoni saret skont kull Stat Membru, abbażi tar-rati ta' tkabbir previsti għall-importazzjonijiet minn barra l-UE, ippubblikati fil-previżjonijiet ekonomiċi tar-rebbiegħa 2014 fit-2 ta' Mejju 2014.

– Il-bażi totali tal-VAT mhux limitata għall-2014 issa hija prevista li tkun ta' EUR 5 916 888,4 miljun, li tirrappreżenta tnaqqis ta' -1,08 % meta mqabbla mal-previżjoni ta' Mejju 2013 ta' EUR 5 981 772,3 miljun. Il-bażi totali tal-VAT limitata għall-2014[8] hija prevista li tkun ta' EUR 5 896 578,5 miljun, li tirrappreżenta tnaqqis ta' -1,08 % meta mqabbla mal-previżjoni ta' Mejju 2013 ta' EUR 5 960 726,5 miljun.

– Il-bażi totali tal-ING tal-UE għall-2014 hija prevista li tkun ta' EUR 13 492 916,7 miljun, li prattikament baqgħet l-istess meta mqabbla mal-previżjoni ta' Mejju 2013 ta' EUR 13 499 401,4 miljun.

Intużaw ir-rati tal-kambju tal-31 ta' Diċembru 2013 biex tinqaleb il-previżjoni tal-bażijiet tal-VAT u l-ING mill-munita nazzjonali għall-euro (għall-għaxar Stati Membri li mhumiex parti miż-żona tal-euro). Dan jevita distorsjonijiet għaliex din hija r-rata li tintuża sabiex jinqalbu l-pagamenti bbagitjati tar-riżorsi proprji minn euro għall-munita nazzjonali meta dawn l-ammonti jingabru (kif stipulat fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 1150/2000).

Il-previżjonijiet riveduti tar-RPT, tal-bażijiet tal-VAT mhux limitati u tal-bażijiet tal-ING għall-2014, kif adottati fil-160 laqgħa tal-KKRP fid-19 ta' Mejju 2014, huma ppreżentati fit-tabella li ġejja (ċifri approssimattivi):

---

[7] IE 2/2014, COM(2013) 719 finali, 16.10.2013, http://ec.europa.eu/budget/library/biblio/documents/2014/AL/COM_2013_719_en.pdf

[8] F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/436, jekk il-bażi tal-VAT ta' Stat Membru taqbeż il-50 % tal-ING tiegħu, hija tiġi limitata sa dawn il-50 %. Għall-ABE 4/2014, il-bażi tal-VAT ta' ħames Stati Membri se tiġi limitata għal 50 % tal-ING: Il-Kroazja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, u s-Slovenja.

**Previżjonijiet riveduti tar-RPT u tal-bażijiet tal-VAT u tal-ING għall-2014 *(f'miljuni ta' EUR)***

| | Zokkor imposti *(75 %) – aġġ.* | Dazji doganali *(75%)* | Bażijiet tal-VAT mhux limitati | Bażijiet tal-ING | *Bażijiet tal-VAT limitati*[9] |
|---|---|---|---|---|---|
| **BE** | -7,0 | 1 400,6 | 166 540,7 | 392 546,0 | 166 540,7 |
| **BG** | 0,4 | 58,1 | 19 309,1 | 39 947,1 | 19 309,1 |
| **CZ** | 2,7 | 163,1 | 59 663,8 | 135 784,6 | 59 663,8 |
| **DK** | -5,0 | 302,3 | 95 129,6 | 265 401,6 | 95 129,6 |
| **DE** | -44,7 | 3 313,6 | 1 241 896,7 | 2 900 263,6 | 1 241 896,7 |
| **EE** | 0,0 | 22,7 | 8 714,7 | 18 604,6 | 8 714,7 |
| **IE** | -1,6 | 229,5 | 65 542,8 | 143 418,3 | 65 542,8 |
| **EL** | 0,5 | 109,0 | 70 931,2 | 179 862,1 | 70 931,2 |
| **ES** | 0,7 | 1 017,1 | 475 682,9 | 1 028 320,4 | 475 682,9 |
| **FR** | -35,6 | 1 417,6 | 973 133,7 | 2 141 159,7 | 973 133,7 |
| **HR** | 1,7 | 34,8 | 26 304,9 | 42 231,9 | 21 116,0 |
| **IT** | -0,7 | 1 398,0 | 604 283,7 | 1 576 369,5 | 604 283,7 |
| **CY** | 0,0 | 15,2 | 10 517,0 | 15 342,2 | 7 671,1 |
| **LV** | 0,0 | 21,6 | 8 856,7 | 24 615,4 | 8 856,7 |
| **LT** | 0,7 | 53,3 | 13 841,6 | 34 925,0 | 13 841,6 |
| **LU** | 0,0 | 11,8 | 26 828,0 | 32 503,8 | 16 251,9 |
| **HU** | 1,6 | 87,4 | 40 169,8 | 97 952,8 | 40 169,8 |
| **MT** | 0,0 | 9,1 | 5 104,9 | 7 043,1 | 3 521,6 |
| **NL** | -8,8 | 1 919,8 | 274 365,3 | 624 924,2 | 274 365,3 |
| **AT** | -3,3 | 168,8 | 149 973,1 | 321 734,9 | 149 973,1 |
| **PL** | 8,9 | 372,1 | 175 083,7 | 393 178,4 | 175 083,7 |
| **PT** | -0,5 | 121,9 | 76 713,8 | 165 552,5 | 76 713,8 |
| **RO** | 0,9 | 103,7 | 52 840,6 | 144 474,0 | 52 840,6 |
| **SI** | 0,0 | 58,7 | 17 730,8 | 35 230,3 | 17 615,2 |
| **SK** | 0,5 | 87,3 | 23 000,6 | 72 582,1 | 23 000,6 |
| **FI** | -0,5 | 118,4 | 92 844,0 | 198 315,0 | 92 844,0 |
| **SE** | -0,4 | 447,7 | 188 931,0 | 438 003,4 | 188 931,0 |
| **UK** | 0,0 | 2 690,9 | 952 953,7 | 2 022 630,2 | 952 953,7 |
| **UE** | **-89,5** | **15 754,1** | **5 916 888,4** | **13 492 916,7** | **5 896 578,5** |

## 2.3. Korrezzjonijiet tar-Renju Unit għall-2013, l-2011 u l-2010

### *2.3.1 Introduzzjoni*

Il-korrezzjoni tal-iżbilanċi bażitarji favur ir-Renju Unit (il-korrezzjoni tar-Renju Unit), li għandha tkun ibbażitjata f'dan l-ABE, tikkonċerna tliet snin: l-2010, l-2011 u l-2013.

Il-korrezzjonijiet tar-Renju Unit għall-2010, l-2011 u l-2013 huma soġġetti għar-regoli tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/436/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej[10] u tad-dokument ta' ħidma li jakkumpanjaha, il-*Metodu ta' Kalkolu tal-2007*[11]. Skont ir-regoli ta' din id-Deċiżjoni, il-"gwadanji mhux mistennija" netti tar-RPT tar-Renju Unit li jirriżultaw miż-żieda, sa mill-2001, fil-perċentwali tal-RPT miżmuma mill-Istati Membri bħala kumpens għall-kostijiet tal-ġbir

9 L-ammonti mmarkati bil-griż jirriżultaw mill-bażijiet tal-VAT limitati, kif spjegat fin-nota 3 f'qiegħ il-paġna aktar 'il fuq.

10 ĠU L 163, 23,6.2007, p. 17.

11 Id-Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni tat-23 ta' Mejju 2007 "Il-kalkolu, il-finanzjament, il-ħlas u d-dħul fil-bażit tal-korrezzjoni ta' żbilanċi bażitarji skont l-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill [2007/436/KE, Euratom] dwar is-sistema ta' riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej" huwa disponibbli fuq:
http://ec.europa.eu/budget/library/biblio/documents/financing/calc_own_res_2007_mt.pdf.

tagħhom, huma newtralizzati u n-nefqa allokata hija aġġustata permezz ta':

– in-nefqa ta' qabel l-adeżjoni mħallsa taħt l-approprjazzjonijiet ta' pagamenti relatati mas-sena ta' qabel it-tkabbir. Se jintuża l-istess aġġustament għan-nefqa ta' qabel l-adeżjoni fl-okkażjoni ta' kull tkabbir futur tal-Unjoni, iżda dan waqaf japplika sa mill-korrezzjoni tal-2013 ibbaġitjata għall-ewwel darba fl-2014;

– in-nefqa totali allokata fl-Istati Membri li ssieħbu fl-UE wara t-30 ta' April 2004, minbarra għall-pagamenti agrikoli diretti u n-nefqa relatata mas-suq, kif ukoll dik il-parti tan-nefqa tal-iżvilupp rurali li toriġina mit-taqsima "Garanzija" tal-FAEGG. Dan it-tnaqqis iddaħħal gradwalment b'mod progressiv (20 % għall-korrezzjoni tal-2008 ibbaġitjata fl-2009, 70% għall-korrezzjoni tal-2009 ibbaġitjata fl-2010 u 100% mill-korrezzjoni tal-2010 ibbaġitjata fl-2011).

Barra minn hekk, is-sehem tal-Awstrija, il-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja fl-iffinanzjar tal-korrezzjoni tar-Renju Unit huwa mnaqqas għal kwart tas-sehem normali tagħhom. It-tnaqqis huwa ffinanzjat mill-Istati Membri l-oħra, minbarra r-Renju Unit.

Id-differenza bejn l-*ammont definittiv tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010* u l-ammont ibbaġitjat preċedentament (it-*tieni aġġornament* fil-BE 4/2012) iddaħħlet taħt il-kapitolu 35 tal-ABE 4/2014. Id-differenza bejn it-*tielet aġġornament tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011* u l-ammont ibbaġitjat preċedentament (l-*ewwel aġġornament* fil-BE 4/2012) iddaħħlet taħt il-kapitolu 36 tal-ABE 4/2014.

L-ammont tal-*ewwel aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2013 iddaħħal taħt il-kapitolu 15 tal-ABE 4/2014, biex jissostitwixxi l-*ammont provviżorju* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2013 imdaħħal taħt il-kapitolu 15 tal-Baġit tal-2014.

### *2.3.2 Il-kalkolu tal-korrezzjonijiet*

F'dan l-ABE, iddaħħlu l-kalkolu u l-iffinanzjar tal-*ewwel aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit *għall-2013*, it-*tielet aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit *għall-2011* kif ukoll l-*ammont definittiv* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit *għall-2010*.

Fir-rigward tat-*tieni aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit *għall-2012*, il-Kummissjoni tipproponi li (skont il-*Metodu ta' Kalkolu tal-2007*) tibbaġitja aġġornamenti jekk ikunu sostanzjalment differenti mill-kalkolu korrispondenti bbaġitjat preċedentement. Skont il-kalkoli attwali tal-Kummissjoni, l-ammont tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2012 mhuwiex sostanzjalment differenti mill-ammont ibbaġitjat preċedentement (l-*ewwel aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2012 imdaħħal fil-BE 6/2013). Għaldaqstant, mhuwiex propost aġġornament għall-ibbaġitjar f'dan l-ABE 4/2014.

#### 2.3.2.1 Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2013

It-tabella li jmiss tiġbor fil-qosor il-bidliet bejn l-*ammont provviżorju* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2013 imdaħħal fil-Baġit tal-2014 u l-*ewwel aġġornament* tal-korrezzjoni għar-Renju Unit għall-2013 li jrid jiddaħħal fl-ABE 4/2014.

| | **Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2013** | **Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2013 PROVVIŻORJU** Bażit 2014 | **Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2013 L-ewwel AĠĠORNAMENT** ABE 4/2014 | ***Differenza*** |
|---|---|---|---|---|
| (1) | Sehem tar-Renju Unit mill-bażi tal-VAT mhux limitata | 16,2077% | 15,5861% | *-0,6216%* |
| (2) | Sehem tar-Renju Unit min-nefqa totali allokata, aġġustata għat-tkabbir | 6,5970% | 6,1166% | *-0,4804%* |
| (3) | = (1) - (2) | 9,6107% | 9,4694% | *-0,1412%* |
| (4) | Nefqa totali allokata | 133 640 172 409 | 134 675 970 767 | *+1 035 798 358* |
| (5) | Nefqa relatata mat-tkabbir = (5a) + (5b) | 31 848 333 003 | 31 337 201 043 | *-511 131 961* |
| (5a) | Nefqa ta' qabel l-adeżjoni | 31 848 333 003 | 31 337 201 043 | *-511 131 961* |
| (5b) | Nefqa relatata mal-Artikolu 4(1)(g) | 0 | 0 | *0* |
| (6) | Nefqa totali allokata, aġġustata għat-tkabbir = (4) - (5) | 101 791 839 406 | 103 338 769 725 | *+1 546 930 319* |
| (7) | L-ammont oriġinali tal-korrezzjoni tar-Renju Unit = (3) x (6) x 0,66 | 6 456 694 911 | 6 458 490 768 | *+1 795 856* |
| (8) | Vantaġġ tar-Renju Unit | 1 176 577 247 | 883 513 735 | *-293 063 512* |
| (9) | Korrezzjoni bażika tar-Renju Unit = (7) - (8) | 5 280 117 664 | 5 574 977 032 | *+294 859 368* |
| (10) | Gwadanji mhux mistennija mir-RPT | -17 223 040 | 32 794 702 | *+50 017 742* |
| (11) | Korrezzjoni tar-Renju Unit = (9) - (10) | 5 297 340 704 | 5 542 182 331 | *+244 841 627* |

L-*ewwel aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2013 huwa ta' EUR 245 miljun iżjed meta mqabbel mal-*ammont provviżorju* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2013 imdaħħal fil-Bażit tal-2014.

#### 2.3.2.2 Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011

It-tabella li jmiss tiġbor fil-qosor il-bidliet bejn l-*ewwel aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 imdaħħal fil-BE 4/2012 u t-*tielet aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 li jrid jiddaħħal fl-ABE 4/2014.

| | **Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011** | **Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 L-ewwel AĠĠORNAMENT BE 4/2012** | **Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 It-tielet AĠĠORNAMENT ABE 4/2014** | ***Differenza*** |
|---|---|---|---|---|
| (1) | Sehem tar-Renju Unit mill-bażi tal-VAT mhux limitata | 14,9462% | 14,9811% | *+0,0349%* |
| (2) | Sehem tar-Renju Unit min-nefqa totali allokata, aġġustata għat-tkabbir | 7,3204% | 7,3021% | *-0,0182%* |
| (3) | = (1) - (2) | 7,6259% | 7,6790% | *+0,0531%* |
| (4) | Nefqa totali allokata | 116 689 113 932 | 116 702 674 481 | *+13 560 549* |
| (5) | Nefqa relatata mat-tkabbir = (5a) + (5b) | 26 918 339 726 | 26 831 341 733 | *-86 997 993* |
| (5a) | Nefqa ta' qabel l-adeżjoni | 3 037 294 340 | 3 040 714 610 | *-3 420 270* |
| (5b) | Nefqa relatata mal-Artikolu 4(1)(g) | 23 881 045 386 | 23 790 627 123 | *-90 418 263* |
| (6) | Nefqa totali allokata, aġġustata għat-tkabbir = (4) - (5) | 89 770 774 207 | 89 871 332 749 | *+100 558 542* |
| (7) | L-ammont oriġinali tal-korrezzjoni tar-Renju Unit = (3) x (6) x 0,66 | 4 518 220 698 | 4 554 788 119 | *+36 567 421* |

| | Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 | Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 L-ewwel AĠĠORNAMENT BE 4/2012 | Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 It-tielet AĠĠORNAMENT ABE 4/2014 | *Differenza* |
|---|---|---|---|---|
| (8) | Vantaġġ tar-Renju Unit | 534 381 657 | 358 708 861 | *-175 672 796* |
| (9) | Korrezzjoni bażika tar-Renju Unit = (7) - (8) | 3 983 839 040 | 4 196 079 257 | *+212 240 217* |
| (10) | Gwadanji mhux mistennija mir-RPT | 8 838 069 | 7 667 508 | *-1 170 561* |
| (11) | Korrezzjoni tar-Renju Unit = (9) - (10) | 3 975 000 971 | 4 188 411 749 | *+213 410 778* |

It-*tielet aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 huwa ta' EUR 213 miljun iżjed meta mqabbel mal-*ewwel aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 imdaħħal fil-BE 6/2012.

F'dak li jirrigwarda l-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011, id-differenza fl-ammont oriġinali tal-korrezzjoni tar-Renju Unit bejn id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji (DRP) tas-sena 2000 u d-DRP tal-2007 hija ta' EUR 2 142,4 miljun fil-prezzijiet tal-2004 u EUR 2 352,3 miljun fil-prezzijiet kurrenti.

#### 2.3.2.3 Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010

It-tabella li jmiss tiġbor fil-qosor il-bidliet bejn it-*tieni aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010 fil-BE 4/2012 u l-*ammont definittiv* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010 li jrid jiddaħħal fl-ABE 4/2014.

| | Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010 | Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010 It-tieni AĠĠORNAMENT BE 4/2012 | Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010 DEFINITTIV ABE 4/2014 | *Differenza* |
|---|---|---|---|---|
| (1) | Sehem tar-Renju Unit mill-bażi tal-VAT mhux limitata | 15 ,3613% | 15 ,4336% | +0 ,0724% |
| (2) | Sehem tar-Renju Unit min-nefqa totali allokata, aġġustata għat-tkabbir | 7 ,7118% | 7 ,7118% | +0% |
| (3) | = (1) - (2) | 7 ,6495% | 7 ,7218% | +0 ,0723% |
| (4) | Nefqa totali allokata | 111 424 575 479 | 111 424 575 479 | +0 |
| (5) | Nefqa relatata mat-tkabbir = (5a) + (5b) | 23 860 842 743 | 23 861 206 535 | +363 792 |
| (5a) | Nefqa ta' qabel l-adeżjoni | 2 970 335 816 | 2 970 699 609 | +363 792 |
| (5b) | Nefqa relatata mal-Artikolu 4(1)(g) | 20 890 506 927 | 20 890 506 926 | 0 |
| (6) | Nefqa totali allokata, aġġustata għat-tkabbir = (4) - (5) | 87 563 732 736 | 87 563 368 944 | -363 792 |
| (7) | L-ammont oriġinali tal-korrezzjoni tar-Renju Unit = (3) x (6) x 0,66 | 4 420 776 873 | 4 462 554 636 | +41 777 763 |
| (8) | Vantaġġ tar-Renju Unit | 768 620 727 | 703 660 977 | -64 959 750 |
| (9) | Korrezzjoni bażika tar-Renju Unit = (7) - (8) | 3 652 156 146 | 3 758 893 659 | +106 737 512 |
| (10) | Gwadanji mhux mistennija mir-RPT | 21 614 060 | 19 348 038 | -2 266 022 |
| (11) | Korrezzjoni tar-Renju Unit = (9) - (10) | 3 630 542 087 | 3 739 545 621 | +109 003 534 |

L-*ammont definittiv* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010 huwa ta' EUR 109 miljun iżjed meta mqabbel mat-*tieni aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010 imdaħħal fil-BE 4/2012.

F'dak li jirrigwarda l-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010, id-differenza fl-ammont oriġinali tal-korrezzjoni tar-Renju Unit bejn id-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Proprji (DRP) tas-sena 2000 u d-DRP

tal-2007 hija ta' EUR 1 964,5 miljun fil-prezzijiet tal-2004 u EUR 2 127,9 miljun fil-prezzijiet kurrenti.

#### 2.3.2.4 Limitu ta' EUR 10,5 biljun

Skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2007/436, matul il-perjodu 2007-2013, il-kontribut addizzjonali tar-Renju Unit li jirriżulta mit-tnaqqis tan-nefqa allokata min-nefqa relatata mat-tkabbir kif imsemmi fil-paragrafu (1)(g) tad-DRP 2007 ma jaqbiżx l-EUR 10,5 biljun, imkejla fil-prezzijiet tal-2004. L-effett kumulattiv mill-2007 sal-2012 hu ta' EUR 8 230,0 miljun fil-prezzijiet tal-2004 u EUR 9 015,4 miljun fil-prezzijiet kurrenti:

| **Korrezzjonijiet tar-Renju Unit għall-2007-2012**<br>Differenza fl-ammont oriġinali b'referenza għal-livell limitu ta' EUR 10,5 biljun<br>(DRP 2007 vs. DRP 2000), f'EUR | | **Differenza fil-prezzijiet kurrenti** | **Differenza fil-prezzijiet kostanti tal-2004** |
|---|---|---|---|
| (A) | Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2007 | 0 | 0 |
| (B) | Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2008 | -301 679 647 | -280 649 108 |
| (C) | Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2009 | -1 349 749 997 | -1 276 489 414 |
| (D) | Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010 | -2 127 945 515 | -1 964 546 518 |
| (E) | Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 | -2 352 303 848 | -2 142 387 266 |
| (F) | Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2012 | -2 883 757 322 | -2 565 976 235 |
| (G) | Is-somma tad-differenzi = (A) + (B) + (C) + (D) + (E) + (F) | -9 015 436 330 | -8 230 048 542 |

### *2.3.3 Id-dħul tal-ewwel aġġornament tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2013, tat-tielet aġġornament tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 u tal-ammont definittiv tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010 fl-ABE 4/2014.*

#### 2.3.3.1 Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2013 (il-Kapitolu 15)

L-ammont tal-korrezzjoni tar-Renju Unit li jrid jiġi bbaġitjat fil-Kapitolu 15 ta' dan l-ABE 4/2014 huwa l-ammont tal-*ewwel aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2013 (jiġifieri, EUR 5 542 182 331, minflok l-ammont ta' EUR 5 297 340 704 imdaħħal fil-Baġit tal-2014).

Dan l-ammont għandu jkun iffinanzjat skont il-bażijiet tal-ING riveduti tal-2014 ta' dan l-ABE 4/2014. L-ibbaġitjar ta' dan l-ammont fil-Kapitolu 15 huwa ppreżentat fil-qosor hawn taħt:

| **Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2013 — il-Kapitolu 15** | | | |
|---|---|---|---|
| **BE** | 274 500 044 | **LU** | 22 729 297 |
| **BG** | 27 934 257 | **HU** | 68 496 553 |
| **CZ** | 94 951 620 | **MT** | 4 925 108 |
| **DK** | 185 590 353 | **NL** | 75 487 301 |
| **DE** | 350 335 402 | **AT** | 38 863 752 |
| **EE** | 13 009 847 | **PL** | 274 942 269 |
| **IE** | 100 289 723 | **PT** | 115 767 753 |
| **EL** | 125 774 188 | **RO** | 101 027 954 |
| **ES** | 719 085 138 | **SI** | 24 635 887 |
| **FR** | 1 497 272 756 | **SK** | 50 755 299 |
| **HR** | 29 531 974 | **FI** | 138 677 954 |
| **IT** | 1 102 325 579 | **SE** | 52 908 328 |
| **CY** | 10 728 512 | **UK** | -5 542 182 331 |
| **LV** | 17 213 087 | | |
| **LT** | 24 422 396 | **Total** | **0** |

### 2.3.3.2 Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010 (il-Kapitolu 35)

L-ammont tal-korrezzjoni tar-Renju Unit li jrid jiġi bbaġitjat fil-Kapitolu 35 ta' dan l-ABE 4/2014 huwa d-differenza bejn l-*ammont definittiv* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010 (jiġifieri, EUR 3 739 545 621) u t-*tieni aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010 (jiġifieri, l-ammont ta' EUR 3 630 542 087 imdaħħal fil-BE 4/2012), li jitla' għal EUR 109 003 534.

Dan l-ammont għandu jkun iffinanzjat skont il-bażijiet riveduti tal-ING tal-2010 kif magħrufa fl-aħħar tal-2013. L-ibbaġitjar ta' dan l-ammont fil-Kapitolu 35 huwa ppreżentat fil-qosor hawn taħt:

| **Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2010 — il-Kapitolu 35** | | | |
|---|---|---|---|
| **BE** | 4 520 547 | **LU** | -467 949 |
| **BG** | 562 835 | **HU** | 925 341 |
| **CZ** | 2 556 272 | **MT** | 320 963 |
| **DK** | 3 345 263 | **NL** | 1 088 457 |
| **DE** | 10 941 079 | **AT** | 439 387 |
| **EE** | 334 638 | **PL** | 4 287 709 |
| **IE** | 5 207 662 | **PT** | 2 496 000 |
| **EL** | 452 777 | **RO** | -392 307 |
| **ES** | 5 161 577 | **SI** | 896 466 |
| **FR** | 36 713 295 | **SK** | 913 354 |
| **IT** | 25 185 874 | **FI** | 822 308 |
| **CY** | 919 896 | **SE** | 867 048 |
| **LV** | 377 190 | **UK** | -109 003 534 |
| **LT** | 527 852 | **Total** | **0** |

### 2.3.3.3 Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 (il-Kapitolu 36)

L-ammont tal-korrezzjoni tar-Renju Unit li jrid jiġi bbaġitjat fil-Kapitolu 36 ta' dan l-ABE 4/2014 huwa d-differenza bejn it-*tielet aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 (jiġifieri, EUR 4 188 411 749) u l-*ewwel aġġornament* tal-korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 (jiġifieri, l-ammont ta' EUR 3 975 000 971 imdaħħal fil-BE 4/2012), li jitla' għal EUR 213 410 778.

Dan l-ammont għandu jkun iffinanzjat skont il-bażijiet riveduti tal-ING tal-2011 kif magħrufa fl-aħħar tal-2013. L-ibbaġittjar ta' dan l-ammont fil-Kapitolu 36 huwa ppreżentat fil-qosor hawn taħt:

| **Korrezzjoni tar-Renju Unit għall-2011 — il-Kapitolu 36** | | | |
|---|---|---|---|
| **BE** | 8 101 453 | **LU** | -29 470 |
| **BG** | 1 375 381 | **HU** | 4 872 613 |
| **CZ** | 5 056 538 | **MT** | 438 532 |
| **DK** | 7 280 734 | **NL** | 2 529 744 |
| **DE** | 18 309 269 | **AT** | 1 155 028 |
| **EE** | 885 630 | **PL** | 17 881 528 |
| **IE** | 8 409 370 | **PT** | 5 178 017 |
| **EL** | 3 438 553 | **RO** | 305 779 |
| **ES** | 21 543 140 | **SI** | 1 156 634 |
| **FR** | 58 179 865 | **SK** | 1 786 552 |
| **IT** | 37 543 615 | **FI** | 1 891 154 |
| **CY** | 479 335 | **SE** | 2 983 045 |
| **LV** | 1 333 866 | **UK** | -213 410 778 |
| **LT** | 1 324 873 | **Total** | **0** |

## 3. DHUL IEHOR – MULTI U IMGHAXIJIET

Skont l-Artikolu 83 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tirreġistra l-ammonti li waslulha permezz ta’ multi, penali u sanzjonijiet hekk kif id-deċiżjonijiet li jimponuhom ma jkunux jistgħu jiġu

annullati iżjed mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. L-ABE 3/2014 kien jinkludi dħul addizzjonali li jirriżulta minn multi (l-Artikolu tad-dħul 7 1 0 — "Multi, ħlasijiet perjodiċi u penali oħra") bl-ammont ta' EUR 1 408 miljun, u dħul minn imgħaxijiet (l-Artikolu tad-dħul 7 0 1 — "Imgħax fuq arretrati u imgħax ieħor fuq il-multi") bl-ammont ta' EUR 9 miljun.

Minn dakinhar, sensiela oħra ta' multi saru definittivi. Multa ssir definittiva meta ma tiġix appellata quddiem il-Qorti Ġenerali jew jekk tiġi appellata, meta tiġi kkonfermata mill-Qorti Ġenerali u mill-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, ċerti multi definittivi jitħallsu tard jew bin-nifs. B'kunsiderazzjoni tal-multi definittivi li ġew irkuprati sa mill-preżentazzjoni tal-ABE 3/2014, huwa propost li jiġi bbaġitjat l-ammont ta' EUR 2 059 miljun bħala dħul addizzjonali. Id-dettal skont il-linja jidher fit-tabella hawn taħt.

*F'miljuni ta' EUR*

| Linji tad-dħul | ABE 3/2014 | ABE 4/2014 | Ammont ġdid għall-multi addizzjonali |
|---|---|---|---|
| 7 0 1 — Imgħax fuq arretrati u imgħax ieħor fuq il-multi | 9,0 | 230,0 | 239,0 |
| 7 1 0 — Multi, ħlas perjodiku ta' penali u penali oħra | 1 408,0 | 1 829,0 | 3 237,0 |
| **Total** | **1 417,0** | **2 059,0** | **3 476,0** |

Il-multi u l-imgħaxijiet addizzjonali li saru disponibbli sa mill-ABE 3/2014, fil-biċċa l-kbira tagħhom (90 %), jirriżultaw minn żewġ każijiet. Dawn il-multi kienu dovuti fit-tieni nofs ta' Ġunju 2014, u dak iż-żmien l-ebda waħda mill-kumpaniji kkonċernati ma introduċiet appell.

## 4. IL-KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DEJTA (TAQSIMA IX)

F'konformità mal-Artikolu 41(2) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta talab lill-Kummissjoni tippreżenta abbozz ta' baġit emendatorju f'ismu. L-għan ta' dan huwa li jitnaqqsu l-approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll dawk ta' pagament b'EUR 248 460 (nefqa mhux differenzjata). Il-proċessi ta' għażla għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta l-ġdid u għall-Assistent tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta l-ġdid kienu mistennija li jitlestew f'Jannar tal-2014. Madankollu, ġie deċiż li ma tinħariġx lista ta' kandidati magħżula u li jerġgħu jiġu ppubblikati l-postijiet vakanti. Għalhekk, ammont li jikkorrispondi għal għaxar xhur ta' allowances temporanji għall-persuni li diġà qed jokkupaw dawn il-pożizzjonijiet, li kien ġie kkalkolat fuq is-suppożizzjoni li l-ħatra l-aktar bikrija possibbli tat-tim il-ġdid isseħħ fl-1 ta' Novembru 2014, mhux se jibqa' jkun meħtieġ, u l-approprjazzjonijiet jistgħu jitnaqqsu skont dan. L-iskadenza l-ġdida għall-applikazzjonijiet ġiet iffissata għall-25 ta' Ġunju 2014.

## 5. ADATTAMENTI TAN-NOMENKLATURA TAL-BAĠIT U TAL-APPROPRJAZZJONIJIET BAĠITARJI KORRISPONDENTI

Ir-Regolamenti (UE) Nru 1299/2013[12] u Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013[13] jipprevedu l-parteċipazzjoni ta' pajjiżi f'fażi ta' preadeżjoni u ta' pajjiżi ġirien fil-programmi ta' kooperazzjoni transnazzjonali ffinanzjati fil-qafas tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) (fil-parti "Kooperazzjoni Territorjali Ewropea" tal-FEŻR). Għal dan l-għan, l-approprjazzjonijiet mill-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) u mill-Istrument għall-Assistenza ta'

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 259).

[13] Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

Qabel l-Adeżjoni (IPA II) fl-intestatura 4 se jintużaw għal parteċipazzjoni fil-programmi tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea (ETC).

Sabiex jintwera dan il-finanzjament addizzjonali mill-intestatura 4 għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea fil-qafas tal-FEŻR, huwa propost li l-artikolu baġitarju 13 03 64 *Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) - Kooperazzjoni Territorjali Ewropea* jiġi sostitwit bil-partita tal-baġit 13 03 64 01 *Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) - Kooperazzjoni Territorjali Ewropea*, u li ż-żewġ partiti tal-baġit ġodda jinħolqu kif ġej:

– Għall-kontribuzzjoni mill-IPA II: 13 03 64 02 *Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali fil-"Kooperazzjoni Territorjali Ewropea" tal-FEŻR – Kontribuzzjoni mill-intestatura 4 (IPA II);*

– Għall-kontribuzzjoni mill-ENI: 13 03 64 03 *Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi Ewropej tal-viċinat fil-"Kooperazzjoni Territorjali Ewropea" tal-FEŻR – Kontribuzzjoni mill-intestatura 4 (ENI)*

Il-fondi li tpoġġew għad-dispożizzjoni mill-intestatura 4 għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea tal-FEŻR ma kinux magħrufa fil-bidu tal-perjodu u, konsegwentement, l-ammonti relatati kienu provviżorjament allokati għal-linji li jiffinanzjaw il-Kooperazzjoni Transfruntiera (KTF) mal-Istati Membri li qed jipparteċipaw fl-Istrument għal Qabel l-Adeżjoni (IPA II) u fl-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI).

B'riżultat ta' dan, huwa propost li jiġi ttrasferit l-ammont ta' EUR 2 480 038 f'approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-kontribuzzjoni tal-IPA tal-2014 lill-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea tal-FEŻR, mill-partita 13 05 63 02 *Kooperazzjoni Transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4* għall-partita l-ġdida 13 03 64 02. Għall-approprjazzjonijiet ta' pagament, hija proposta r-referenza *pro memoria* ("p.m.").

Peress li l-ipprogrammar mhuwiex avvanzat biżżejjed, huwa propost ammont *pro memoria* ("p.m.") għall-kontribuzzjoni mill-ENI (13 03 64 03), kemm għall-approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll għal dawk ta' pagament.

Il-bidla proposta hija ġustifikata għar-raġunijiet li ġejjin: immaniġġjar finanzjarju aktar faċli; rappurtar u trasparenza aħjar, u l-iżgurar ta' konsistenza tan-nomenklatura tul il-perjodu li jkopri mill-2014 sal-2020. B'mod partikolari, in-nomenklatura proposta mill-Kummissjoni għall-2015 fid-dikjarazzjoni tal-istimi tagħha hija l-istess bħal dik proposta f'dan l-ABE 4/2014.

## 6. TIBDILIET TEKNIĊI OĦRA

Il-Kummissjoni tipproponi l-ħolqien ta' artikolu baġitarju ġdid 05 03 09 *Rimborż ta' għajnuniet diretti fir-rigward tad-dixxiplina finanzjarja* sabiex jiġi ffaċilitat ir-rimborż possibbli ta' ammonti mnaqqsa minn għajnuniet diretti wara l-applikazzjoni ta' dixxiplina finanzjarja f'konformità mal-Artikolu 26(5) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013[14]. L-ebda approprjazzjoni ma hija meħtieġa għal dan l-artikolu ġdid billi, f'konformità mal-Artikolu 169(3) tar-Regolament Finanzjarju (UE Euratom) Nru 966/2012, l-approprjazzjonijiet mhux impenjati relatati ma' azzjonijiet taħt l-immaniġġjar kondiviż tal-FAEG jistgħu jiġu riportati għas-sena finanzjarja li jmiss għal dak l-iskop. L-artikolu l-ġdid huwa maħsub biex jiġbor, fi tmiem is-sena tal-baġit, l-approporjazzjonijiet mhux impenjati - sal-ammont tad-dixxiplina finanzjarja mdaħħla fil-baġit tas-sena preċedenti u sa 2 % tal-approprjazzjonijiet baġitarji inizjali tal-FAEG għall-azzjonijiet koperti mill-ġestjoni kondiviża tas-sena baġitarja - li jkunu disponibbli għal riport u rimborż fis-sena ta' wara. Il-ħolqien ta' dan l-istess artikolu ġie propost ukoll fl-Abbozz tal-Baġit 2015, bil-għan li r-riport u r-rimborż ta' ammonti li kienu soġġetti għad-dixxiplina finanzjarja fl-2014 ikunu jistgħu jsiru fil-qafas ta' artikolu tal-baġit wieħed.

Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li s-sing "–" għall-approprjazzjonijiet ta' pagament fuq il-partita tal-baġit 11 06 77 03 *Azzjoni preparatorja – Politika Marittima* jiġi sostitwit bir-referenza "p.m.", billi talba għal pagament finali għandha tiġi saldata kontra l-impenji pendenti mis-snin preċedenti.

[14] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549.

## 7. TABELLA SOMMARJA SKONT L-INTESTATURA TAL-QFP

| Intestatura | Baġit 2014 (inkluża l-BE 1 u l-ABE 2 u 3/2014) | | Abbozz ta' Baġit Emendatorju 4/2014 | | Baġit 2014 (inkluża l-BE 1 u l-ABE minn 2 sa 4/2014) | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **AI** | **AP** | **AI** | **AP** | **AI** | **AP** |
| **1. Tkabbir intelliġenti u inklussiv** | **63 986 340 779** | **66 374 487 058** | | | **63 986 340 779** | **66 374 487 058** |
| *Limitu* | *63 973 000 000* | | | | *63 973 000 000* | |
| *Marġni* | *75 989 221* | | | | *75 989 221* | |
| 1a Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | 16 484 010 779 | 12 028 322 326 | | | 16 484 010 779 | 12 028 322 326 |
| *Limitu* | *16 560 000 000* | | | | *16 560 000 000* | |
| *Marġni* | *75 989 221* | | | | *75 989 221* | |
| 1b Koeżjoni ekonomika soċjali u territorjali | 47 502 330 000 | 54 346 164 732 | | | 47 502 330 000 | 54 346 164 732 |
| *Limitu* | *47 413 000 000* | | | | *47 413 000 000* | |
| *Marġni* | *-89 330 000* | | | | *-89 330 000* | |
| *Strument ta' Flessibbiltà* | *89 330 000* | | | | *89 330 000* | |
| *Marġni* | 0 | | | | *0* | |
| **2. Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali** | **59 267 214 684** | **56 564 930 369** | | | **59 267 214 684** | **56 564 930 369** |
| *Limitu* | *59 303 000 000* | | | | *59 303 000 000* | |
| *Marġni* | *35 785 316* | | | | *35 785 316* | |
| Li minnhom: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) — Nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti | 43 778 100 000 | 43 776 956 403 | | | 43 778 100 000 | 43 776 956 403 |
| *Sottolimitu* | *44 130 000 000* | | | | *44 130 000 000* | |
| *Trasferiment nett bejn il-FAEG u l-FAEŻR* | *351 900 000* | | | | *351 900 000* | |
| *Marġni* | | | | | | |
| **3. Sigurtà u ċittadinanza** | **2 171 998 732** | **1 677 039 976** | | | **2 171 998 732** | **1 677 039 976** |
| *Limitu* | *2 179 000 000* | | | | *2 179 000 000* | |
| *Marġni* | *7 001 268* | | | | *7 001 268* | |
| **4. Ewropa Globali** | **8 325 000 000** | **6 842 004 256** | | | **8 325 000 000** | **6 842 004 256** |
| *Limitu* | 8 335 000 000 | | | | 8 335 000 000 | |
| *Marġni* | *10 000 000* | | | | *10 000 000* | |
| **5. Amministrazzjoni** | **8 404 765 541** | **8 405 638 341** | **-248 460** | **-248 460** | **8 404 517 081** | **8 405 389 881** |
| *Limitu* | *8 721 000 000* | | | | *8 721 000 000* | |
| *Marġni* | *316 234 459* | | | | *316 482 919* | |
| Li minnhom: Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet | 6 797 640 898 | 6 798 513 698 | -248 460 | -248 460 | 6 797 392 438 | 6 798 265 238 |
| *Sottolimitu* | *7 056 000 000* | | | | *7 056 000 000* | |
| *Marġni* | *258 359 102* | | | | *258 607 562* | |
| **6. Kumpensi** | **28 600 000** | **28 600 000** | | | **28 600 000** | **28 600 000** |
| *Limitu* | *29 000 000* | | | | *29 000 000* | |
| *Marġni* | *400 000* | | | | *400 000* | |
| **Total** | **142 183 919 736** | **139 892 700 000** | **-248 460** | **-248 460** | **142 183 671 276** | **139 892 451 540** |
| ***Limitu*** | ***142 540 000 000*** | ***135 866 000 000*** | | | ***142 540 000 000*** | ***135 866 000 000*** |
| ***Strument ta' Flessibbiltà*** | ***89 330 000*** | | | | ***89 330 000*** | |
| ***Marġni ta' Kontinġenza*** | | ***4 026 700 000*** | | | | ***4 026 700 000*** |
| ***Marġni*** | ***445 410 264*** | **0** | | | ***445 658 724*** | ***248 460*** |
| **Strumenti Speċjali** | **456 181 000** | **350 000 000** | | | **456 181 000** | **350 000 000** |
| **Total Kumplessiv** | **142 640 100 736** | **140 242 700 000** | **-248 460** | **-248 460** | **142 639 852 276** | **140 242 451 540** |